MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1375/2000/1

**Avviz numru 1375/00DM**

**Grima Communications Limited**

**Vs**

**Charles Caruana u b'digriet tal-24 t'Ottubru 2002 gie kjamat in kawza il-kumpanija Alcasons and Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, sabiex ihallas is-somma mitluba ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) raprezentanti din is-somma bilanc ta' reklami li xxandru fuq l-istazzjoni "Live FM" fuq inkarigu u ghal beneficju tal-konvenut u li baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-23 ta' Marzu 2000 kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza fejn eccipew illi :

1 L-azzjoni attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difernsuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Fl-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Caruana, ghal dak li jirrigwarda t-talba maghmula fil-konfront tieghu personalment, il-kontestazzjoni hija limitata ghall-fatt li l-istess konvenut isostni illi huwa qatt ma kellu ebda relazzjonijiet kummercjali mall-atturi f'ismu proprju izda dejjem kien agixxa ghan-nom ta' kumpanija 'Alcasons and Company Limited' li tiggestixxi l-'Amalgamated Laundry' fl-interess ta' min kienu jsiru r-reklami in kwistjoni.

In sostenn ta' din l-allegazzjoni huwa offra d-deposizzjoni tieghu fejn ikkonferma illi l-'Amalgamated Laundry' hija gestita esklussivament mill-kumpanija 'Alcasons and Company Limited, u hija din il-kumpanija li kienet ghamlet il-ftehim originali mal-kumpanija attrici u kienet ukoll il-kumpanija 'Alcasons and Company Limited' li ghamlet il-

pagamenti akkont li kienu jsiru minn zmien ghal zmien. In sostenn ta’ dan l-istess Charles Caruana ukoll esebixxa zewg cheques imsarfin mill-kumpanija attrici bhala pagament akkont tal-ammont lilhom dovut u dawn gew debitament imsarrfa mill-kumpanija attrici u akkreditati lill-kont tal-‘Amalgamated Laundry’.

Dan huwa sufficjenti bhala indizju illi ‘Alcasons and Company Limited’ kienet il-kumpanija li kellha relazzjonijiet kummercjali mal-atturi li minn naha taghhom setghu jirribattu din il-prezunjzjoni bil-prezentata tal-kotba u d-dokumenti u kuntratt originali  biex jista’ jigi kkonstatat f’isem min kienet saret l-ordni ghar-reklami li kellhom jaghmlu l-atturi.

Fin-nuqqas ta’ dan il-ftehim il-provi jwasslu biss biex jistabbilixxu relazzjonijiet kummercjali esklussivament bejn il-kumpanija ‘Alcasons and Company Limited’ u l-kumpanija attrici, u ghaldaqstant qieghda tichad it-talba attrici fejn din hija diretta fil-konfront tal-konvenut Charles Caruana.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba fil-konfront tal-kjamati fil-kawza ‘Alcasons and Company Limited’ dawn qed jecepixxu l-preskrizzjoni a termini tal-artikolu 2156F tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta li jipprovdi ghall-preskrizzjoni b’gheluq ta’ hames (5) snin ta’ kull azzjoni ghal hlas ta’ kull kreditu li gej minn operazzjonijiet kummercjali meta l-kreditu ma jkunx jaqa’ taht xi preskrizzjoni iqsar jew ikun jirrizulta minn att pubbliku.

Kif jirrizulta mill-istatement esibit mill-atturi l-ahhar servizz illi kien inghata minnhom kien fit-30 ta’ Dicembru, 1996, u billi c-citazzjoni gietipprezentata fis-27 ta’ Settembru, 2000 il-hames snin (5) ma kienux lahqu skadew sa dakinhar tal-prezentata tal-avviz.
Izda dan japplika biss fil-konfront tal-konvenut Charles Caruana billi l-kjamati fil-kawza gew imdahhlin fil-kawza b’digriet tal-24 ta’ Ottubru, 2002, u, ghal fini tat-talba fil-konfront tal-kjamati fil-kawza, l-24 ta’ Ottubru 2002 hija d-data rilevanti.

Billi l-istess kjamati fil-kawza mhux qieghdin jikkontestaw illi sal-31 ta' Lulju, 1998 huma kienu ghamlu pagament akkont fis-somma ta' mitt lira (Lm100) ghal dak illi hu dovut mill-kumpanija attrici, jirrizulta illi effettivament f'dik id-data b'dak il-pagament ta' mitt lira (Lm100) gie interrott il-perjodu ta' preskrizzjoni li beda jerga jiddekorri minn dakinhar, u ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni ta' hames (5) snin fil-konfront tal-kumpanija 'Alcasons' kien jaghlaq fil-31 ta' Lulju, 2003.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta ukoll illi l-kjamati fil-kawza gew notifikati bl-avviz ukoll entro l-istess terminu u prezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fis-17 ta' Frar, 2003, u dan qabel ma kien iddekorra l-perjodu ta' preskrizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi talba attrici fil-konfront tal-kjamati fil-kawza hija ggustifikata u timmerita konferma u filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mil-kjamati fil-kawza qieghda tikkundanna lill-kjamati fil-kawza sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mitt lira bl-imghax legali b'effett mill-11 ta' Novembru, 1999;

Bl-ispejjez kollha kontra l-kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------